**Qorti Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.

Att t'Akkuza numru 3/2020

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Robert Rodenas

Illum 22 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2020 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Robert Rodenas, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24171M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) marret gewwa l-Ghassa ta' San Giljan certa Romina Cachia flimkien ma' bintha Shania Cachia sabiex tirraporta stupru u attivitajiet ohra ta' natura sesswali li allegatament saru fuq bintha, minuri ta' erbatax (14) -il sena da parte ta' Robert Rodenas. Dan l-istupru u dawn l-attivitajiet ohra ta' natura sesswali sehhew fil-perjodu ta' bejn it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur ta' qabel din id-data. Shania Cachia kienet marret tghix mal-akkuzat Robert Rodenas u ma' martu gewwa Swieqi Residential Complex Blokk F, Triq il-Qatta Swieqi (Malta) f'April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan bhala parti minn arrangament ta' *fostering* li Robert Rodenas u martu kienu ghamlu ma'

omm il-minuri. Qabel marret tghix mal-akkuzat u ma' martu, il-minuri Shania Cachia kienet tghix go *home* u kien propju l-akkuzat li kkuntatjaha permezz tal-Facebook fejn tgharrfilha kif kien jaf bis-sitwazzjoni taghha u stedinha biex taghtieh in-numru ta' ommha sabiex ikun jista' joffri li jghinha u tmur tghix mieghu u ma'martu.

Illi Shania Cachia tirraporta kif ghal bidu hija kienet kuntenta tghix mal-akkuzat u ma' martu izda minn Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet bdiet tinnota certu kunfidenzi zejda min-naha tieghu specjalment meta l-mara tieghu ma tkunx id-dar. Shania Cachia irraportat kif l-ewwel kuntatt fiziku li kellha mal-akkuzat Rodenas kien meta dan beda jbusha fuq xufftejha. Izda imbaghad, minn hemmhekk, Rodenas beda jiskala l-affarijiet sakemm wasal biex darba minnhom, fl-istess zmien, dahal fil-kamra tas-sodda fejn hija kienet qeda fuq is-sodda fuq il-laptop, tefghaha mimduda fuq is-sodda u ppruva jnezzghalha ix-shorts li kienet liebsa dak il-hin. Ghalkemm il-minuri rrezistitietu billi ppruvat izzommu milli jnizlilha x-shorts, huwa xorta rnexxielu u mess il-parti genitali tieghu mal-parti taghha. Dakinhar ma rnexxilux jistupraha izda ghaddew biss erbat ijiem minn dan l-incident u l-akkuzat rega' pprova. Ghal darba ohra rega' sab lil Shania fil-kamra taghha fuq il-laptop, tefghaha mimduda fuq is-sodda, neza' hu u nezza' lilha. Imbaghad dahhal il-parti genitali tieghu fil-parti genitali taghha u ghalhekk kien hemm **kongungiment karnali bi vjolenza jigifieri kontra l-volonta' tal-minuri, persuna vulnerabbli taht il-hmistax (15)-il sena.** Shania Cachia ma riditx li jkollha dan ir-rapport sesswali mal-akkuzat u ghalhekk imbuttatu. Il-minuri tghid li dan il-kongungiment karnali ma tantx dam.

Illi darba ohra, fix-xahar ta' Awwissu tal-istess sena, Robert Rodenas rega' sab lil Shania Cachia wahidha fil-kamra tas-sodda taghha u rega' mar hdejha, nezzaghha, neza' hu u dahhal il-parti genitali tieghu gewwa l-parti genitali taghha u cioe' kien hemm **kongungiment karnali bi vjolenza jigifieri kontra l-volonta' tal-minuri fuq persuna vulnerabbli ghaliex minuri taht il-hmistax (15)-il sena.** Il-minuri ghal darba ohra ppruvat tirrezistieh billi mbuttatu. Shania Cachia tirraporta kif il-penetrazzjoni ma kinitx iddum u kif kull darba kien jiskuza ruhhu u jitlobha tahfirlu. Il-minuri tghid

ukoll li kif kien jieqaf jippenetraha gieli gedwed kliem bhal 'raqadli' u xi kliem iehor li ma kinetx tifhem. Tghid ukoll li kull darba wara li kien jistupraha, kien imur jiehu *shower*.

Illi jirrizulta lill-Pulizija kif il-minuri kienet damet biex titkellem ma' xi hadd dwar dan l-istupru u l-attivitajiet ohra ta' natura sesswali u li eventwalment tkelmet ma' zijitha dwar dan nhar il-festa taz-Zurrieq u cioe' nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Sussegwentement, il-minuri flimkien ma' ommha marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' San Giljan u kien minn hemmhekk li l-Pulizija wara li bdew l-investigazzjonijiet min-naha taghhom, waslu ghall-arrest ta' Robert Rodenas u nbdew dawn il-proceduri kontrih.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Robert Rodenas sar hati talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **bi vjolenza u ripetutament, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Shania Cachia**, persuna vulnerabbli ghaliex ma kinitx ghadha ghalqet l-eta' ta' hmistax (15) -il sena waqt li kienet qeda tghix fl-istess dar mieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Robert Rodenas talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **bi vjolenza u ripetutament, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Shania Cachia, persuna vulnerabbli ghaliex ma kinitx ghadha ghalqet l-eta' ta' hmistax (15) -il sena waqt li kienet qeda tghix fl-istess dar mieghu.**

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jsir skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Robert Rodenas u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) snin sa ghomor bir-rekluzjoni u dan skont dak li hemm fl-Artikoli 198, 201, 202(g),(h)(v),(k), 206, 209A, 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fl-isfond tac-cirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) marret gewwa l-Ghassa ta' San Giljan certa Romina Cachia flimkien ma' bintha Shania Cachia sabiex tirraporta stupru u attivitajiet ohra ta' natura sesswali li allegatament saru fuq bintha, minuri ta' erbatax (14) -il sena da parte ta' Robert Rodenas. Dan l-istupru u dawn l-attivitajiet ohra ta' natura sesswali sehhew fil-perjodu ta' bejn it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur ta' qabel din id-data. Shania Cachia kienet marret tghix mal-akkuzat Robert Rodenas u ma' martu gewwa Swieqi Residential Complex Blokk F, Triq il-Qatta Swieqi (Malta) f'April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan bhala parti minn arrangament ta' *fostering* li Robert Rodenas u martu kienu ghamlu ma' omm il-minuri. Qabel marret tghix mal-akkuzat u ma' martu, il-minuri Shania Cachia kienet tghix go *home* u kien propju l-akkuzat li kkuntatjaha permezz tal-Facebook fejn tgharrfilha kif kien jaf bis-sitwazzjoni taghha u stedinha biex taghtieh in-numru ta' ommha sabiex ikun jista' joffri li jghinha u tmur tghix mieghu u ma'martu.

Illi Shania Cachia tirraporta kif ghal bidu hija kienet kuntenta tghix mal-akkuzat u ma' martu izda minn Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet bdiet tinnota certu kunfidenzi zejda min-naha tieghu specjalment meta l-mara tieghu ma tkunx id-dar.

Shania tirraporta kif dan il-kuntatt fiziku l-ewwel li ma beda kien b'bewsa *(French kiss)* izda li fi ftit zmien l-affarijiet skalaw ghax l-akkuzat anki wasal biex jistupraha u biex jaghmel atti ohra ta' natura sesswali maghha. Il-minuri tirraporta kif fil-perjodu ta' Awwissu tal-istess sena, l-akkuzat kien sahansitra qallha biex timmasturbah kemm bl-uzu ta' idejha kif ukoll bl-uzu ta' halqha u dawn l-episodji graw iktar minn darba. Kien hemm ukoll drabi meta l-akkuzat Rodenas kien imissilha sidirha u l-parti genitali taghha b'idejh. B'dan il-mod, l-akkuzat **ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta'**, u cioe' ma' Shania Cachia, minuri ta' erbatax (14) -il sena.

Illi jirrizulta lill-Pulizija kif il-minuri kienet damet biex titkellem ma' xi hadd dwar dan l-istupru u dwar l-attivitajiet l-ohra ta' natura sesswali u li eventwalment tkelmet ma' zijitha dwar dan nhar il-festa taz-Zurrieq u cioe' nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Sussegwentement, il-minuri flimkien ma' ommha marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' San Giljan u kien minn hemmhekk li l-Pulizija wara li bdew l-investigazzjonijiet min-naha taghhom, waslu ghall-arrest ta' Robert Rodenas u nbdew dawn il-proceduri kontrih.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Robert Rodenas sar hati talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' ma' Shania Cachia, minuri ta' erbatax (14) -il sena.**

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taccirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Robert Rodenas talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **ippartecipa**

**f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' ma' Shania Cachia, minuri ta' erbatax (14) -il sena.**

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jsir skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Robert Rodenas u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) xhur sa erbghin (40) sena u dan skont ma hemm fl-Artikoli 204C(1), 208AC(1)(b)(d), 208B, 209A, 17, 18, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet al-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-Ahhar Kap ippremetta:

Illi fl-isfond tac-cirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) marret gewwa l-Ghassa ta' San Giljan certa Romina Cachia flimkien ma' bintha Shania Cachia sabiex tirraporta stupru u attivitajiet ohra ta' natura sesswali li allegatament saru fuq bintha, minuri ta' erbatax (14) -il sena da parte ta' Robert Rodenas. Dan l-istupru u dawn l-attivitajiet ohra ta' natura sesswali sehhew fil-perjodu ta' bejn it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fix-xhur ta' qabel din id-data. Shania Cachia kienet marret tghix mal-akkuzat Robert Rodenas u ma' martu gewwa Swieqi Residential Complex Blokk F, Triq il-Qatta Swieqi (Malta) f'April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan bhala parti minn arrangament ta' *fostering* li Robert Rodenas u martu kienu ghamlu ma' omm il-minuri. Qabel marret tghix mal-akkuzat u ma' martu, il-minuri Shania Cachia kienet tghix go *home* u kien propju l-akkuzat li kkuntatjaha permezz tal-Facebook fejn tgharrfilha kif kien jaf bis-sitwazzjoni taghha u stedinha biex taghtieh in-numru ta' ommha sabiex ikun jista' joffri li jghinha u tmur tghix mieghu u ma'martu.

Illi Shania Cachia tirraporta kif ghal bidu hija kienet kuntenta tghix mal-akkuzat u ma' martu izda minn Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet bdiet tinnota certu

kunfidenzi zejda min-naha tieghu specjalment meta l-mara tieghu ma tkunx id-dar. Il-minuri tirraporta kif l-akkuzat kien l-ewwel beda javvicina ruhhu sesswalment lejha billi jbusha fuq xufftejha *(French kiss)* u kif sussegwentement dawn l-attivitajiet ta' natura sesswali bdew jiskalaw. Il-minuri tirraporta kif fil-perjodu ta' Awwissu tal-imsemmija sena, l-akkuzat Rodenas kien stupraha u kien ukoll igieghelha timmasturbah kemm b'halqha kif ukoll b'idejha. Dawn l-attivitajiet ta' natura sesswali kif ukoll l-istupru sehh f'iktar minn okkazjoni wahda. Kien hemm ukoll drabi meta l-akkuzat Rodenas kien imissilha sidirha u l-parti genitali taghha b'idejh.

Illi qabel ma gara dan kollu, il-minuri ma kienet qatt kellha relazzjoni ta' natura sesswali ma' hadd. B'konsegwenza tal-agir tal-akkuzat Rodenas hekk kif deskritt f'dan l-Att ta' Akkuza, ghalhekk, **tqanqlet il-konkupixxjenza ta' tifla ta' taht l-eta' bil-konsegwenza li dan wassal ghall-korruzzjoni taghha.**

Illi jirrizulta lill-Pulizija kif il-minuri kienet damet biex titkellem ma' xi hadd dwar dan l-istupru u l-attivitajiet l-ohra ta' natura sesswali li eventwalment tkelmet ma' zijitha dwar dan nhar il-festa taz-Zurrieq u cioe' nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Sussegwentement, il-minuri flimkien ma' ommha marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' San Giljan u kien minn hemmhekk li l-Pulizija wara li bdew l-investigazzjonijiet min-naha taghhom, waslu ghall-arrest ta' Robert Rodenas u nbdew dawn il-proceduri kontrih.

Illi ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Robert Rodenas sar hati talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe' lil Shania Cachia, minuri ta' erbatax (14) -il sena, liema delitt sar minnu fi zmien meta, il-minuri tkun giet fdata lilu, imqar jekk ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Robert Rodenas talli nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fis-Swieqi u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, **b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe' lil Shania Cachia, minuri ta' erbatax (14) -il sena, liema delitt sar minnu fi zmien meta, il-minuri tkun giet fdata lilu, imqar jekk ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jsir skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Robert Rodenas u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' (4) snin sa tnax (12) -il sena u dan skont ma hemm fl-Artikoli 203(1)(c), 17, 18, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet al-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' l-istess Robert Rodenas, prezentata fit-22 ta' Gunju, 2020 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponent akkuzat jeccepixxi n-nullita' ta' l-Att tal-Akkuza kollu.

   Wiehed ma jkunx qieghed jonqos meta jghid li l-Att ta' Akkuza gie ddrammatizzat b'tali mod li l-gurati jinghataw impressjoni li b'mod

immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponent, u per konsegwenza dan jista' jippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidu net;

Il-mod ta' kif inhu redat l-Att t'Akkuza ser jiddisturba s-serenita' tal-gudizzju tal-gurati u ghalhekk jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq.

Bl-akbar rispett, l-Avukat Generali fl-Att t'Akkuza konvenjentament ghazel li jhalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-gurati ser jithallew fl-ghama minn informazzjoni fundamentali. Fl-Att t'Akkuza, l-Avukat Generali imkien ma jindika li l-minuri Shanaia Cachia giet ezaminata mit-tobba u li l-istess tobba ikkonfermaw li hija ma kellha l-ebda injuries fuq gisimha u lanqas fil-parti intima taghha u li l-istess Shanaia Cachia ghadha vergni.

Illi bl-akbar rispett, fl-Att t'Akkuza, l-Avukat Generali kellu jindika d-dettalji l-aktar importanti u fundamentali u mhux jindika biss dawk id-dettalji li jixhtu minnufih dawl ikrah fuq l-esponenti.

Illi minkejja li l-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza, imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi jew le. Pero, irid jinghad ukoll li l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi **kollha** migbura waqt l-istruttorja;

Illi l-mankanza ta' dan, liema mankanza tavvera ruhha fl-att t'akkuza in kwistjoni, hija assolutament leziva tad-dritt fundamentali tal-esponent illi jkollu smiegh xieraq, liema dritt huwa mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-Artikolu disgha u tletin (39), kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejjha "Il- Konvenzjoni") taht l-Artikolu sitta (6), u

f'dan is-sens ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-esponent jiddikjara illi huwa qieghed jirriserva l-pozizzjoni Kostituzzjonali tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi n-nullita' tal-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avukat Generali gew drammatizzati aktar milli mehtieg, bl-iskop li l-gurati jinghataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidu nett.

Bl-akbar rispett, il-provi migbura waqt l-istruttorja ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

Illi l-minuri Shanaia Cachia giet ezaminata mit-tobba. Dawn l-istess tobba ikkonfermaw li hija ma kellha l-ebda injuries fuq gisimha u fil-parti intima taghha u li l-istess Shanaia Cachia ghadha vergni.

Illi minkejja li l-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza, imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi jew le. Pero irid jinghad ukoll li l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi migbura waqt l-istruttorja.

Illi l-Avukat Generali m'ghandux japprofitta mid-diskrezzjoni li huwa ghandu u jikkrea akkuzi jew aggravji sabiex jaghmel il-kaz aktar oneruz fuq l-akkuzat.

Illi bl-akbar rispett, anke l-piena indikata u li qed tkun mitluba li tigi inflitta fil-konfront tal-akkuzat mill-Avukat Generali f'kaz ta sejbien ta' htija hija erronea u zbaljata.

Illi inotre', f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tal- Ewwel Kap innifsu, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process ekwu u gust;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi n-nullita' tat-tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avukat Generali gew drammatizzati aktar milli mehtieg bl-iskop li l-gurati b'mod immedjat jinghataw impressjoni li tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidu nett;

   Bl-akbar rispett, uhud mill-fatti kif esposti fit-tieni Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih.

   Illi inotre', f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tat-Tieni Kap innifsu, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process ekwu u gust;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi n-nullita' tat-tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avukat Generali gew drammatizzati aktar milli mehtieg bl-iskop li l-gurati b'mod immedjat jinghataw impressjoni li tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per

konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidu nett;

Bl-akbar rispett, uhud mill-fatti kif esposti fit-tielet Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih.

Illi inotre', f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tat- tielet Kap innifsu, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process ekwu u gust;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzat jeccepixxi l-inamissibilita' taz- zewg recordings u t- traskrizzjoni tal- istess zewg recordings (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l- istqarrijiet kollha tieghu (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l- ezami u t-twegibiet tal- akkuzat Robert Rodenas, u dana stante li dawn saru meta huwa ma kkonsultax ma' avukat qabel l-interrogatorju u ma kienx prezenti avukat waqt l-interrogatorju sabiex jassisti lill-esponenti, u konsegwentement jitlob l-isfilz ta' l-istess mill-atti, kif ukoll kwalsiasi referenza ta' kwalunkwe xhud ghall-istess zewg recordings u t-traskrizzjoni tal- istess zewg recordings (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l- istqarrijiet kollha tieghu (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l- ezami u t- twegibiet tal- akkuzat Robert Rodenas;

Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm li l-esponent iffirma dikjarazzjoni li huwa ma jixtieqx jikkonsulta ma avukat, madanakollu mid-domandi li sarulu u mit- twegibiet tal- esponenti jirrizulta b'mod car u inekwivoku li

l-esponent fir- realta, ma tax il-kunsens tieghu sabiex ma jikkonsultax ma' avukat tal-fiducja tieghu.

Waqt li l-ispettur investigattiv issostni mal-esponent li huwa iffirma sabiex ma jikkonsultax ma Avukat tal-ghazla tieghu, l-esponenti jinfurmaha illi:

*"**Ghax ma nafx**, **li semmejt ma kienux**, jien qatt ma kont grali, ifhimni naf l-Avukati li kienu fil-politika jissemma dak l-avukat il-bqija qatt ma kelli."* (Fol 200).

L-ufficcjal investigattiv tinsisti mal-esponenti:

*"Pero', qabel l-interrogazzjoni qabel ma dhalna hawnhekk inti kkonfermajtli li ma xtaqx" (Fol 200)*

Bl-esponenti jinfurmaha illi:

"**Mhux ma xtaqtx**..." (Fol 200).

Eventwalment qabel ma bdew il-mistoqsijiet lill- esponenti fl-interrogazzjoni, ghal mistoqsija tal-ufficjal Prosekutur dwar jekk **jikkonfermax** li ma riedx jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-esponenti jirrispondi *"**le.**"*

Bir-rispett kollu, ladarba l-esponent ma kkonfermax li ma riedx jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni, huwa ampjament car illi l-ufficjali investigattivi interrogaw lill-esponenti meta huwa ma kkonsultax ma' Avukat qabel l-interrogatorju u ma kienx prezenti avukat waqt l-interrogatorju sabiex jassisti lill-esponenti meta l-istess esponenti fir-realta' ma rrinunzjax ghal tali drittijiet;

In oltre, l- esponenti jaghmel referenza ghad- diversi kundizzjonijiet ta' sahha mentali li huwa jbati minnhom, fosthom *severe anxiety* u *depression*. Il- psikjatra tal- esponenti Dr Joseph Vella Baldacchino amministra l-medicina Paroxetine u Physiotene ghall- ewwel darba lill- esponenti fis-sena elfejn u ghaxra (2010), liema medicina l- esponenti ghadu jiehu sal-lum il- gurnata skond dokumenti hawn annessi u mmarkati minn DOK A sa DOK J, li jinsabu fil- lista ta' dokumenti annessa ma' dina n- nota;

Sussegwentement, fis- sena elfejn u tnax (2012) il- kundizzjoni tas- sahha mentali tal- esponenti kompliet tiddeterjora meta mietet it- tifla tieghu Sharon Rodenas fl- eta tenera ta' sbatax (17) -il sena, u dana skond certifikat tal- mewt hawn anness u mmarkat DOK K. It- tifla tal- esponenti, Sharon Rodenas, kienet qieghda tigi rikoverata l- isptar meta hija tilfet hajjitha. Tali mewt mhux talli ma kinitx mistennija mill- esponenti, izda talli giet fuq il-familja tieghu bhal sajjetta fil- bnazzi. L- esponenti qed jipprezenta l-annessi dokument mmarkati DOK L liema dokument huwa relatati mal-mewt tat- tifla tieghu Sharon;

Illi huwa ben stabbilit minn diversi tobba, psikjatri u professjonisti medici, li l- esponenti jbati minn *Obsessive Compulsive Disorder*, *severe anxiety* u *depression*. Is- *shock* li l- esponenti sofra nhar is- sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) meta **sitt (6) pulizija** marru d- dar tieghu, arrestawh u haduh gewwa d- depot ghat- tehid tal- istqarrija, ir- recordings, inkluz l- ezami u t- twegibiet tieghu, kien wiehed kbir u li halla impatt qawwi fuqu u fuq l- istat mentali tieghu, tant illi l- istess esponenti ma kienx f'kundizzjoni li jaghti l- istqarrijiet tieghu (kemm verbali u kif ukoll bil-miktub) inkluz (izda mhux biss) it- twegibiet li huwa ta lill- pulizija, jew li jifhem u effetivament jirrinunzja ghad- drittijiet tieghu;

Illi infatti, l- esponenti jikkontendi li minhabba d- diversi kundizzjonijiet medici li huwa jbaghti minnhom, huwa la kkomprenda li huwa kellu d- dritt li jikkuntatja avukat sabiex jiehu parir legali u li jkun assistit minn avukat waqt it- tehid tal- istqarrijiet, recordings, inkluz l- ezami u t- twegibiet tieghu, u wisq anqas irrifjuta li jipprevalixxi ruhu mid- drittijiet li huwa jgawdi minnhom ai termini tal- Ligi applikabbli;

Illi lanqas haga li l- ufficjali prosekuturi setghu jaghmlu sabiex jigi assikurat li ma jigux mittiefsa d- drittijiet tal- esponenti meta huma raw il- vulnerabbilta' tas- suspettat u meta huma kienu ben konsapevoli li l- esponenti ma kkomprendix id- drittijiet li huwa jgawdi minnhom, kien li jappuntawlu avukat tal- ghajnuna legali;

Illi l- artikolu 570 tal- Kodici Kriminali jghid is- segwenti:

**570. (1) L-Avukat għal Għajnuna Legali għandu jassumi mingħajr ebda ħlas id- <u>difiża ta' xi akkużat li ma jkun qabbad lil ebda avukat ieħor</u> jew li jkun ġie ammess li jħarrek jew jiddefendi ruħu bil-benefiċċju tal-għajnuna legali f'xi qorti msemmija f'dan il-Kodiċi;**

Illi in vista ta' artikolu 570 tal- Kap 9, jidher b'mod ampjament car illi c- cirkostanzi tal- esponenti kienu proprju dawk fejn l- esponenti ma kien qabbad lil ebda avukat iehor, u dan ghax kif qal hu, ma kien jaf bl- ebda avukat u l-unici avukati li kien jaf bihom kienu dawk "tal- politika," u cioe dawk li huma *household names.* L- esponenti kien konfuz, *clinically stressed* u anzjuz, u mhux f'kundizzjoni ta' stat mentali li jaghti l- istqarrijiet, dikjarazzjonijiet u t- twegibiet tieghu;

Illi l- kazistika tal- Qorti Ewropea tad- Drittijiet Fundamentali tal- Bniedem hija cara fid- determinazzjoni taghha li d- dritt ta' smiegh xieraq ghandu

jkun *practical and effective*. Sabiex dan id- dritt ikun tassew *practical and effective*, id- dritt ghal smiegh xieraq irid jittiehed b' mod holistiku;

Illi l- esponenti ma ghandu ebda *background* legali u ghandu fedina penali netta. Jghid huwa stess fl- istqarrijiet, recordings, u t- twegibiet tieghu li huwa la qatt mar l- ghassa jew gie arrestat, u wisq anqas kien familjari mal- proceduri addottati gewwa l- ghassa, id- depot jew waqt arrest. Huwa evidentement car li l-esponenti fir- realta ma fehemx f'hix jikkonsistu d- drittijiet tieghu. Il- paragrafu li inghata lilu sabiex jiffirma wara li ghamilha cara li ma kienx jaf x'kellu jaghmel u lil min kellu jikkuntatja ma kienx sufficenti sabiex l- esponenti tassew jifhem u effetivament jirrinunzja ghad- dritt li jikkonsulta ma' avukat tal- ghazla tieghu ghal siegha qabel l- interrogatorju u li jkun assistit mill- istess avukat waqt l- interrogatorju innifisu, dejjem tenut kont ukoll tal- qaghda klinika mentali tieghu. Infatti, miz- zewg recordings u t- traskrizzjoni tal- istess zewg recordings (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l- istqarrijiet kollha tieghu (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l- ezami u t- twegibiet tal- akkuzat Robert Rodenas, jidher li sussegwentement, l-esponenti rega' talab kjarifika u direzzjoni ta' x' kellu jaghmel ghaliex spjega li huwa kien jaf biss b' avukati "tal- politika." **Ir- risposta tal- ufficjali investigattivi ghal dan kollu kienet sempliciment li huwa kien diga ffirma karta fejn irrinunzja ghad- drittijiet tieghu.** B' kull rispett, l- esponenti jirrileva li tali reazzjoni mill- ufficjali investigattivi zgur ma tikkorispondix mal- interpretazzjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq li huwa *practical and effective* li taghti l- Qorti Ewropea;

Illi f'dan is- sens, l- ufficjali investigattivi naqsu milli jinformaw lill- esponenti bid- dritt tieghu li jista' jigi appuntat lilu avukat tal- ghajnuna

legali meta huwa ma kien qabbad lill- ebda avukat iehor.[1] F'dan is- sens, l-ufficjali investigattivi ma messhomx komplew bl- interrogatorju meta l-esponenti *de facto* ghamilha cara li la kien fehem id- drittijiet tieghu u wisq anqas irrinunzja ghalihom;[2]

It- tehid tal- istqarrijiet, recordings, inkluz l- ezami u t- twegibiet tal-akkuzat sar bi ksur tad- drittijiet li l- esponenti jgawdi minnhom ai termini tal- artikolu sitta (6) tal- Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali u ligijiet ohra, u ghalhekk tali recordings u t- traskrizzjoni tal- istess recordings (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l- istqarrijiet kollha ta' Robert Rodenas (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil-miktub), inkluz (izda mhux biss) l-ezami u t- twegibiet tieghu huma inammissibli, m'ghandhom l- ebda valur probatorju u ghandhom jigu sfilzati mill- atti processwali;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tat- tieni interrogatorju/ezami tieghu, inkluz l- istqarrija, recording, u t- twegibiet tieghu (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub) li ta t- tieni darba li huwa gie interrogat nhar is- sebgha (7) ta' Settembru tas- sena elfejn u sbatax (2017) (inkluz izda mhux biss DOK GA 2), fejn flimkien mar- ragunijiet imsemmija f' paragrafu numru hamsa (5) ta' dawn l- eccezzjonijiet, **fir-realta, essenzjalment,** **huwa ma inghatax id- dritt li jkun assistit minn rapprezentant legali tal- ghazla tieghu u lanqas li jikkonsulta ma' avukat qabel l- interrogatorju/stqarrija/dikjarazzjonijiet/twegibiet** tieghu;

[1] Artikolu 570 tal- Kap 9
[2] https://justice.gov.mt/en/legalaidmalta/Pages/Criminal-Legal-Aid-Cases.aspx

Illi t- tieni recording u t- traskrizzjoni tal- istess recording (inkluz izda mhux biss DOK GA 2) u l- istqarrija tal- akkuzat Robert Rodenas (kemm dik moghtija verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l- ezami u t- twegibiet tieghu, ittiehdu aktar minn erba' sieghat wara li huwa tnizzel gewwa l- *lock up*. L- esponenti baghta minn *panic attacks, extreme anxiety* u stress ikkawzat mill- kundizzjoni tas- sahha mentali tieghu u kif ukoll mit- trawma li gab mieghu l- arrest minn **6 pulizija** u detenzjoni gewwa cella bla ebda spjegazzjoni effettiva tad- drittijiet tieghu. Fir- realta u effettivament, l- esponenti ma inghatax id- dritt li jkun assistit minn rapprezentant legali jew li jikkonsulta ma' avukat qabel it- tehid tal- istess;

Illi qabel ma ttiehed it- tieni recording u t- tieni stqarrija tal- akkuzat Robert Rodenas (kemm dik moghtija verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) DOK GA 2 u l- ezami u t- twegibiet tal- imputat, wara li kien evidentement car illi l- esponenti la fehem u lanqas effetivament irrinunzja ghad- dritt li jkun assistit minn avukat qabel jew waqt l- interrogatorju/ezami/risposti, l- uniku *caution* li tatu l- ufficjal investigattiv qabel it-tieni parti tal- interrogatorju kienet is- segwenti (a fol 258):

> *…All right mela ha nerga' nfakrek fid- dritt illi ghandek id- dritt li ma twegibx ghal mistoqsijiet li se jsirulek imma dak li se tghid jista' jingieb bi prova. Mela minn meta tkellimna dalghodu inti ghandek xi haga ohra xi zzid mal- istqarrija ta' dalghodu?*

Illi minn din il- *caution*, imkien ma jirrizulta li l- esponenti gie mfakkar bid- dritt li jiehu parir legali qabel it- tieni recording/interrogatorju/ezami u twegibiet/stqarrija tieghu (inkluz izda mhux biss DOK GA 2), u lanqas li seta' jkun assistit minn avukat tal- ghazla tieghu durante l- istess.

Incidentalment, l- uniku dritt li gie imfakkar lilu kien biss dak li jista' ma jwegibx ghal mistoqsijiet li kienu ser isirulu;

Illi din il- *caution* innifisha, poggiet lill- esponenti fil- pozizzjoni li kienu jinsabu fiha persuni suspettati qabel ma dahlu fis- sehh l- emendi tal- kodici kriminali fis- sena elfejn u ghaxra (2010). Il- kazistika kemm tal- Qrati taghna u kif ukoll tal- Qorti Ewropea ghad- drittijiiet fundamentali tal- Bniedem huma estensivi;

Illi tlieta (3) mill- aktar sentenzi ricenti li ghandna fuq il- valur probatorju ta' stqarrijiet mehuda meta imputat ma jinghatax id- dritt li jiehu parir minghand avukat ghal siegha qabel it- tehid tal- istqarriija u kif ukoll li jkun assistit minn rapprezentant legali waqt it- tehid tal- istqarrija innifisha huma **Il- Pulizija kontra Laurence Darmanin**[3]; **Ir- Repubblika ta' Malta kontra Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella**[4]; u **The Republic of Malta versus Lamin Samura Seguba;**

Illi fis- sentenza fl- ismijiet **Ir- Repubblika ta' Malta versus Rio Micallef et**, il- Qorti rriteniet illi

> ***…ma ghandha ssir ebda referenza ghal kull stqarrija, miktuba jew orali maghmulha mill- akkuzati qua persuni suspettati lill- Pulizija fl- assenza ta' avukat ta' fiducja taghhom precedenti l- interrogazzjoni u dan sabiex ma jkun hemm ebda ksur tal- jedd ta' smiegh xieraq fil- konfront tal- akkuzati;***

[3] Qorti tal- Appell Kriminali, 4 ta' Lulju 2019
[4] Qorti tal- Appell Kriminali, Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon – Agent President, Onor. Imhallef Abigail Lofaro u Onor. Imhallef Giovanni M Grixti, 3 ta' April, 2019.

Illi fis- sentenza fl- ismijiet **<u>Il- Pulizija vs Laurence Darmanin</u>**, il- Qorti ghamlet is- segwenti osservazzjonijiet:

> ***Issa din il-Qorti, kif ippresjeduta kellha diga' okkazjoni tesprimi ruhha fir-rigward u dan referribilment ghal dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010, billi l-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi lill-persuna arrestata milli tiehu parir legali qabel ma tigi interrogata bil-konsegwenza allura li kien hemm il- perikolu li tinkrimina ruhha ghaliex l-istqarrija kienet titqies bhala prova regina fil- proceduri penali li jigu istitwiti sussegwentement. Illi tali fehma kienet imsejsa fuq il- linja mehuda mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Borg vs Malta" fejn sa dak iz-zmien d-decizjonijiet kienu kollha konsoni fil-konkluzjoni taghhom illi jkun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni kull meta persuna arrestata u interrogata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel ma tigi assoggettata ghall-interrogazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha u dan meta l-ligi tal-pajjiz kienet teskludi b'mod sistematiku tali jedd.***

Il- Qorti kompliet billi ghamlet studju u analizi tat- *tests* formulati mill- Qorti Ewropea, u cioe t- test sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm ksur tal- artikolu 6 tal- konvenzjoni; it- test li jistabilixxi jekk hemmx *compelling reasons* li jiggustifikaw it- tehid ta' stqarrija minghajr il- konsultazzjoni ma' rapprezentant legali, u t- test sussegwenti li jistabillixi jekk il- kaz b' mod holistiku kienx "*fair*." Fil- Pulizija vs Laurence Darmanin, il- Qorti tal- appell ghamlet ukoll referenza ghad- *Dissenting opinion* tal- Imhallfin li ma jaqblux mal- addozzjoni ta' tali *tests*, u rriteniet illi taqbel mad- *dissenting opinion* u konsegwentement tqis li kien hemm vjolazzjoni ghad- dritt tas-

smiegh xieraq meta suspettat ma jinghatax id- dritt li jkun assistit minn rapprezentant legali,

***Ghaliex gjaladarba ma hemm ebda raguni impellenti li abbazi taghha l- persuna suspettata tkun giet mcahhda mill-jedd ghall-assistenza legali, anke jekk wahda minima, allura kwalunkwe dikjarazzjoni hekk rilaxxjata tpoggi lil dik il-persuna sussegwentement akkuzata fi zvantagg, meta dak dikjarat minnha fi stadju investigattiv, anke jekk mhux inkriminatorja, tingieb imbaghad bhala prova kontra tieghu/taghha fil-process penali tant ghalhekk illi jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu/taghha ghal smigh xieraq. Dan minghajr il-htiega li jigi ezaminat jekk tali stqarrija kenitx determinanti o meno fil-gudizzju finali u li allura jigu ezaminati "the overall fairness of the proceedings", it-tieni kriterju stabbilit fit-test gdid imfassal mill- Qorti Ewropeja. Il-Qorti tirrileva illi qed thaddan din il-fehma biss fir-rigward ta' dawk l- istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010 u allura fiz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta ghal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat u allura meta ma kien hemm ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata kellha tigi imcahhda mill-assistenza legali***

Illi l- esponenti jikkontendi li meta huwa, tenut kont tal- istat mentali tieghu wara x- *shock* tal- arrest flimkien mal- *clinical depression, anxiety* u *Obsessive Compulsive Disorder*, ma giex imfakkar li huwa kellu d- dritt li jikkonsulta ma' avukat u li jkun assistit minn avukat waqt it- tieni recording/interrogatorju/ezami u twegibiet/stqarrija tieghu (inkluz izda mhux biss DOK GA 2) izda gie incidentalment imfakkar biss fid-dritt

tieghu li ma jwegibx ghad- domandi, dawn il- fatti poggewh fil- pozizzjoni li kienu persuni suspettati qabel ma gew introdotti l- ammendi fl- 2010 u ghalhekk, l-istess ghandhom jigu sfilzati mill- atti processwali ghax huma lezivi tad- drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq u ma ghandhom l- ebda valur probatorju;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tax-xhieda ta' Spettur Trevor Micallef a fol 21 et seq tal-process u jitlob l- isfilz ta' l- istess u dana stante li x- xhieda tieghu taghmel referenza ghad- dikjarazzjoni tal- fatti tal- allegat vittma Shanaia Cachia, liema dikjarazzjoni madanakollu qatt ma giet esebita fl- atti processwali jew konfermata mill- allegat vittma bil- gurament, u liema xhieda taghmel ukoll referenza estensiva ghaz- zewg recordings u t- traskrizzjoni tal- istess zewg recordings (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l-istqarrijiet kollha tal- esponenti (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l-ezami u t- twegibiet tal- akkuzat Robert Rodenas, u dana statnte li qieghed jintalab l- isfilz tal- istess lil dina l- Onorabbli Qorti.

   Alternattivament u minghajr pregudizzju, l- esponenti umiltment jitlob lil dina l- Onorabbli Qorti li titlob l- isfilz ta' dawk il- partijiet tax- xhieda li jaghmlu referenza ghad- dikjarazzjoni ta' Shanaia Cachia li ma gietx esebita u lanqas konfermata bil-gurament, u ghaz-zewg *recordings* u t- traskrizzjoni tal- istess zewg *recordings* (inkluz izda mhux biss DOK GA 1 u DOK GA 2) u l- istqarrijiet kollha tal- esponenti (kemm dawk li inghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula (jew ridotti) bil- miktub), inkluz (izda mhux biss) l- ezami u t- twegibiet tal- akkuzat Robert Rodenas;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxi l-inammissibilta' tax- xhieda ta' Charmaine Gravina, Romina Cachia u

Gianelle Boffa u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li x- xhieda taghhom huma *hearsay evidence*.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, l- esponenti umiltment jitlob lil dina l- Onorabbli Qorti tisfilza dawk il- partijiet tax- xhieda li huma *hearsay evidence* u dan ghar- raguni li *hearsay evidence* mhux ammissibbli bhala prova;

Illi l- piena ta' prigunerija massima mitluba ghar- reat imsemmi fl- ewwel kap tal- akkuza hija ta' prigunerija ghall- ghomor;

Illi wiehed josserva li minhabba f' hekk, skond l- artikolu 436 (6) tal- Kap 9, l- esponenti ma jgawdix mid- dritt li jagħżel li ġuri ma jiġix magħżul għall- kawża tieghu;

Illi f' diversi sentenzi tal- Qorti Ewropea, fosthom **<u>Farrugia vs Malta</u>** (4 ta' Gunju 2019) u **<u>Beuze vs Belgium</u>** (09 ta' Novembru 2018), il- Qorti Ewropea tat piz sostanzjali lil fatt "***Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay juror***." Wiehed ghandu jaghti lil din il- konsiderazzjoni l- piz relattiv anke fil- kaz in ezamina;

Illi wiehed jistqarr illi filwaqt li meta l- gudizzju jinghata minn Imhallef professjonista u togat, dan jitratta *hearsay evidence* bil- mod li tistipula l- ligi, fil- kaz ta' gurati li jkunu membri tas- socjeta' minghajr ebda tahrig legali, intortament, it- tip ta' piz li jaghtu lil *hearsay evidence* minkejja t- twissijiet qawwija u spjegazzjonijiet estensivi li jinghataw mill- Imhallfin, xorta tkun differenti minn dik ta' Imhallfin Professjonist. Ghalkemm l-ezercizzju tal- Qorti Ewropea meta ghamlet tali analizi sar sabiex jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal- artikolu 6 tal- Konvenzjoni, ir- ragunament li hareg minn

dawn is- sentenzi jkompli jsahhah l- argument illi *hearsay evidence* ghandha titnehha mill- atti processwali;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tax-xhieda ta' Melanie Spiteri u tad- dokument esebit minn l- istess Melanie Spiteri, DOK MS (a fol 300, 301 u 302 tal- process) u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li x-xhieda taghha hija bbazata fuq dokument/rapport kontenenti opinjoni ta' terzi persuni li ma kinux appuntati mill- Qorti sabiex ihejju rapport u l- istess rapport gie esebit meta dan gie maghmul minghajr l- awtorita' tal- ebda Qorti;

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari l-akkuzat qieghed jecepixxi in-nullita' tal-kapi tal-akkuza u dan stante l-fatt li l-fatti gew drammatizzati mill-Avukat Generali u li dan kien qieghed jippregudika lill-akkuzat. Fuq dan il-punt din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Azzopardi</u>**[5] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *'2. Dwar din l-eccezzjoni, jibda biex jinghad illi huwa l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif ghandu jsir l-att tal-akkuza. Is-subartikolu (c) tieghu irid illi l-att tal-akkuza ghandu "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena". Din il-parti tal-fatti fl-att tal-akkuza hija komunement msejjha l-parti narrattiva li fiha l-Avukat Generali iressaq gabra fil-qosor tal-fatti li jemergu mill-atti quddiem l-Istruttorja. Minn dan l-aspett ma*

[5] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Frar, 2021.

*hemm xejn li mhux skond dan l-artikolu fin-narrattiva rigwardanti l-att ta' akkuza in disamina;*

*3. **<u>Dak illi l-akkuzat qed jilmenta minnu hu li l-Avukat Generali drammatizza n-narrattiva u eskluda minnha aspetti favorevoli ghall-akkuzat b'mod illi l-gurati ser jithallew fil- ghama dwar informazzjoni fondamentali u b'hekk ser jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq. Jidher illi l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali maz-zmien intuza b'mod illi n-narrattiva tal-Avukat Generali minn xi daqqiet tirrizulta f'rakkont interminabbli ta' dawn l-aspetti tal-provi li jidhirlu li jaghmlu l-kwadru komplet ta' dak li ta lok ghall-akkuza li ssegwi.</u>** Dik in-narrattiva ta' spiss taghti lok, bhal fil-kaz odjern, ghall-eccezzjonijiet u konsegwenzjali sentenzi segwiti b'appell u sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali. **<u>Hija l-ewwel haga li jisimghu il-gurija mal-qari tal-att tal-akkuza u li imbaghad u li b'mod doveruz l-Imhallef togat ikollu jispjega u jibqa' jfakkar lill-guri sal-mument li jidhol ghad-deliberazzjoni illi dik hija biss narrattiva skond l-Avukat Generali u li ma tammontax ghal-prova tal-fatti.</u>** Fi kliem iehor sta ghal-legislatur li jqis u jixtarr kemm ghad hemm lok ghal-dan is-subinciz meta dak li hu ta' massima importanza huwa l-fatt li jirrendih rejat. Hekk kif quddiem il-Qorti tal-Magistrati il-vot tal-ligi huwa sodisfatt bir-riproduzzjoni tal-artikolu tal-ligi allegatament infratt mill-imputat hekk ukoll ghandu jaqdi l-istess skop tali riproduzzjoni fl-att tal-akkuza;*

***<u>4. Ventilat dan, izda, u kif gia osservat supra, n-narrattiva in kwisjtoni hija konformi ma' dak li titlob il-ligi u l-akkuzat ma jistghax jistenna illi l-Avukat Generali jelenka dawk l-aspetti tal-provi li huma a beneficcju tieghu. Ma hemm xejn x'jostor lill-akkuzat li jestrapola dawk il-provi mill-atti processwali</u>***

*<u>waqt il-guri bil-mezzi kollha ghad-disposizzjoni tieghu u jgibhom a konjizzjoni tal-guri. Dak li hu ta' massima mportanza hu li dak rakkontat mill-Avukat Generali jemergi mill-atti tal-istruttorja. U ezaminati l-atti, dan huwa pjenament in regola;</u>*

*5. Konsegwentement ma hemm ebda nullita' fl-att tal-akkuza u din l-eccezzjoni qed tkun michuda;*

Oltre minn hekk gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca u Priscilla Cassar,</u>**[6] il-Qorti qalet hekk:

*'<u>34. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika, u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-Imhallef togat. Lanqas ma tista' l-appellanti tallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd taghha ghal smigh xieraq ladarba hija ser tghaddi process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkuzi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, bid-dritt ta' l-akkuzata li tressaq difiza xierqa u adegwata fejn ikollha kull opportunita` tipprova ixejjen il-provi li ggib il-Prosekuzzjoni.</u>*

Dan kien l-istess insenjament mehud fis-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-20 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet **Ir-<u>Repubblika ta' Malta v. Erin Tanti:</u>**[7]

[6] Att t'Akkuza numru 7/2015, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-16 t' Ottubru, 2019.
[7] Att ta' Akkuza numru 6/2016.

*'Hu stabbilit li n-narrazzjoni tal-fatti kif spjegati mill-Avukat Generali fl-att ta' akkuza ma jorbtu b'ebda mod lill-gurati. Dan hu kuncett li l-imhallef fil-bidu tal-guri u matul il-kors kollu ta' l-istess ser jenfazizza lill-gurati. Ghalhekk, dan il-punt zgur li f'ebda hin ma jista' jgib in-nullita' ta' l-att ta' akkuza.'*

Konsegwenza ta' dak indikat supra, ma tirrizulta l-ebda nullita' la fl-Att t'Akkuza b'mod totali u anqas fil-Kapi tal-Akkuza b'mod individwali u ghalhekk l-eccezzjonijiet enumerati bin-numru, 1, 2, 3 u 4 qed jigu respinta.

Illi fil-hames u s-sitt eccezzjonijiet tieghu l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrijiet tieghu rilaxxati lill-pulizija u anke kwalunkwe referenza ghalihom. Fost affarijiet ohra, l-akkuzat qieghed isostni illi huwa ma kienx akkumpanjat minn avukat qabel u waqt l-interogazzjonijiet tieghu, l-istat ta' sahha mentali tieghu kif ukoll li ma nghatax id-drittijiet tieghu skond il-ligi b'mod specjali meta dan irilaxxa t-tieni stqarrija tieghu.

L-akkuzat irilaxxa zewg stqarrijiet, it-tnejn datati s-7 ta' Settembru, 2017 u li jinsabu traskritti a fol. 199 et seq. tal-atti processwali. Iz-zewg stqarrijiet gew mehuda bil-procedura tal-*video-conferencing*. Fil-bidu tal-ewwel stqarrija nsibu s-segwenti twissija mill-ufficjal prosekutur, kif ukoll it-twegibiet tal-akkuzat:

*'Spt Paula Ciantar: All right, ha nergghu nfakruk illi ha jsirulek xi domandi, ghandek id-dritt li ma twegibx ghad-domandi li se jsirulek imma dak li se tghid jista' jingieb bi prova. Mela nikkonfermaw xi affarijiet tal-ewwel, mela naqblu meta gejt arrestat inti gejt infurmat bid-drittijiet, bir-ragunijiet ghal x'hiex gejt arrestat?*

*Robert Rodenas: Qaluli stupru u xi haga*

*Spt Paula Ciantar: All right gejt infurmat bir-raguni tal-arrest.*

*Robert Rodenas: Ija mela*

*Spt Paula Ciantar: All right, naqblu li nghatajt id-drittijiet tieghek inti mal-arrest u gej infurmat li tista' tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla tieghek?*

*Robert Rodenas: Ija mela*

*Spt Paula Ciantar: All right. Issa inti ffirmajt dikjarazzjoni illi ma tixtieqx*

*Robert Rodenas: Ghax ma nafx, li semmejt ma kinux, jien qatt ma kont grali, ifhimni naf l-Avukati li kienu fil-politika jissemma' dak l-Avuukat il-bqija qatt ma kelli.*

*Spt Paula Ciantar: Fhimtek pero'*

*Robert Rodenas: processi jew affarijiet*

*Spt Paula Ciantar: Pero' qabel l-interrogazzjoni, qabel ma dhalna hawnhekk inti kkonfermajtli illi ma xtaqtx*

*Robert Rodenas: Mhux ma xtaqtx, ma nafx uh, ma nafx ezempju nghid persuna abbli tkun tal-Kriminali tal-Frodi jew*

*Spt Paula Ciantar: ismghani spjegajnilek din il-haga, Avukat jew Civil jew Kriminal. Issa jekk jahdem fil-Kriminal jaghmilx frodi, stupru jew whatever kulhadd ghandu s-suggett tieghu.*

*Robert Rodenas: ok*

*Spt Paula Ciantar: Imma inti, inti ffirmajt dikjarazzjoni illi qabel l-interrogazzjoni lest li tibda l-interrogazzjoni minghajr ma tikkonsulta Avukat, inti cert minnha din il-haga?*

*Robert Rodenas: iwa cert*
*Spt Paula Ciantar: Tikkonferma illi ma tridx titkellem ma' Avukat qabel nibdew l-interrogazzjoni?*

*Robert Rodenas: le'*

It-tieni stqarrija tal-akkuzat ittiehdet ftit sieghat wara l-ewwel stqarrija u nghata s-segwenti stqarrija mill-Ispettur Paula Ciantar:

*'Spt: Paula Ciantar: All right mela ha nerga' nfakrek fid-dritt illi ghandek id-dritt li ma twegibx ghal mistoqsijiet li se jsirulek imma dak li se tghid jista' jingieb bi prova. mela minn meta tkellimna dalghodu inti ghandek xi haga ohra xi zzid mal-Istqarrija ta' dalghodu?'*

L**-Ispettur Ciantar** waqt id-despozizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, a fol. 143A tal-atti processwali qalet hekk:

*'L-ewwel Statement li ttiehdet is-Sur Rodenas ghazel li ma jiehux parir legali u ttiehdet l-ewwel Stqarrija fejn ovjament l-allegazzjonijiet gew michuda. Eventwalment jiena u l-iSpettur Trevor Micallef konna nfurmati, dan wara li kien spicca l-ewwel statement, konna nfurmati illi s-Sur Rodenas xtaq jerga' jitkellem maghna, ittiehdet it-tieni Stqarrija dakinhar stess u kien qalilna b'dak kollu li kien gara.'*

L-**Ispettur John Spiteri,** a fol. 179 tal-atti processwali pprezenta wkoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-assistenza legali. Din tipprovdi s-segwenti u li ghaliha ffirma wkoll l-akkuzat:

> *'Illum, jiena Robert Rodenas, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24171M, niddikjara bil-miktub li gejt mgharraf bid-dritt li nista' nikkonsulta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghi u jista' jkolli l-avukat jew prokuratur legali prezenti mieghi waqt l-interrogazzjoni li jiehu partecipazzjoni effettiva fl-istess interrogazzjoni izda jien ghazilt li nirrinunzja minn dawn id-drittijiet. Jiena nikkonferma ukoll li gejt mgharraf li waqt il-kors tal-investigazzjoni, nista' nirrevoka r-rifjut ta' dawn id-drittijiet.'*

Sussegwentament, kemm **WPS 94 Claire Casha** kif ukoll l-**Ispettur Paula Ciantar** ikkonfermaw il-firem taghhom u tal-akkuzat fuq id-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-assistenza legali.

Din il-Qorti mhux l-ewwel darba illi ppronunciet ruha fuq l-ammissibilta' o meno ta' stqarrijiet rilaxxati minn akkuzat. Illi jirrizulta li meta l-akkuzat irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu, dan kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali qabel u waqt ir-rilaxx tal-istqarrijiet u dan stante l-fatt illi dawn id-drittijiet ilhom infurzati sa mill-10 ta' Frar 2010. Infatti s-sentenza fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**[8] tat taghrif fil-qosor dwar l-istorja tal-legislazzjoni tad-dritt tal-assistenza tal-avukat:

> *7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre-trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 t' April, 2019.

*persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma'avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre-trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;*

*8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikolu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz talAvviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel*

*sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati;'*

Fil-hames eccezzjoni preliminari, l-akkuzat jenfasizza l-vulnerabilta' tieghu u anke l-problemi ta' sahha mentali tieghu. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tirreferi ghal sentenza ricentissima fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri**[9] fejn saret referenza ghall-vulnerabbilta' tal-akkuzat:

*22. Abbinat ma' dawn il-fatti probatorji il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-appellat huwa bniedem bi kwozjent ta' intelligenza baxxa, tant illi l-espert psikjatriku Vella Baldacchino jiddikjara li huwa ibati minn kundizzjoni ta' ritard mentali u allura minn diżabilita' intellettiva. Il-Qorti għalhekk hija perplessa kif l-istqarrijiet Dokumenti CP1 u CP2 fihom rakkont dettaljat u ininterrot mill-appellat, meta kull espert li tkellem mal-appellat isostni illi huwa saħansitra ibati biex jitkellem u jesprimi ruħu, trid tfhiemu b'mod ċar dak li qed ikun mistoqsi u anke jdum jaħsibha sabiex iwieġeb. Tant hu hekk illi din it-titubanza fid-diskors temerġi imbagħad mir-reġistrazzjoni ta'lahhar intervista fejn l-interrogatur jaqralu l-ewwel żewġ stqarrijiet u huwa jikkonferma bil-kliem 'Iva' u 'Le' b'repetizzjoni ta'l-aħħar frażi li tkun għada kemm inqratlu. Kif inhi perplessa ukoll il-Qorti illi kellha tkun l-aħħar stqarrija li kienet rreġistrata mill-investigaturi u ma tistax tifhem il-mottiv 'il għala lanqas l-ewwel tnejn, li kienu determinanti, ma kienu hekk irreġistrati ukoll.*

*23. Illi t-Tielet Skeda intestata "Kodiċi ta' Prattika Għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati" fl-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi dawk ir-regoli li għandhom*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Frar, 2022.

*ikunu osservati mill-interrogatur u dan sabiex l-istqarrija rilaxxata minn persuna arrestata tkun wahda konformi mal-liġi. Dan għaliex kif hemm stabbilit fl-artikolu 2 ta'l-Iskeda dwar l-importanza tal-istqarrijiet:*

***Billi l-istqarrija tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata hija ta' importanza ewlenija bħala prova, hu importanti li ma jsir xejn matul l-intervista li jista', ukoll bl-inqas mod possibbli, jitfa' dubju fuq il-validità tal-istqarrija****; u minħabba fl-importanza tal-istqarrija bħala prova, il-Qrati tagħna huma stretti u metikolużi fil-kriterji li huma adottaw biex jiżguraw li dikjarazzjoni tkun saret b'mod konformi mal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri li l-istqarrija tkun ġiet magħmula "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ."*

*Jibda biex jingħad illi l-artikolu 8 li jitkellem dwar abbożżar ta'l-istqarrija jistabilixxi illi:*

*Kemm jista' jkun, l-istqarrija għandu jkun fiha l-kliem eżatti li jintużaw minn min ikun suspettat, mingħajr ebda użu ta' vokabularju "uffiċjali".*

*Illi imbagħad l-artikolu 17 jistabbilixxi dawk ir-regoli li jridu jiġu mħarsa u dan bi ħsieb speċjali għall-persuni b'diżabilita':*

*17. **L-interrogazzjoni ta' persuni b'diżabilità u persuni oħra***

*(a) Jekk l-uffiċjal tal-pulizija jkun jidhirlu li persuna li jkun beħsiebu jinterroga jkollha diżabilità intellettwali li jqajjem dubju dwar jekk il-persuna tistax tifhem il-mistoqsijiet li jsirulha, jew li tirrendi lill-*

*persuna x'aktarx miftuħa għal suġġestjoni, l-uffiċjal għandu juża attenzjoni partikolari fil-mistoqsijiet li jagħmel u meta jkun qed jifli kemm għandu joqgħod fuq ir-risposti. Kemm jista' jkun, persuna b'diżabilità intellettwali għandha tiġi interrogata biss fil-preżenza ta' ġenitur, jew it-tutur tagħha jew xi persuna oħra, li ma tkunx membru tal-Korp tal-Pulizija, u li tkun tal-istess sess bħall-persuna li tkun qed tiġi interrogata, bħal min ikollu l-kura u l-kustodja effettiva tal-persuna b'diżabilità jew xi ħaddiem soċjali;*

*(b) dokument li jkun jirrapporta interrogazzjoni ma' persuna b'diżabilità intellettwali (wara li l-uffiċjal investigatur ikun aċċerta ruħu li l-persuna interrogata kienet kapaċi tagħmel l-istqarrija) għandu jiġi offrut għall-firma mhux biss tal-persuna b'diżabilità imma wkoll lil ommu jew lil missieru jew lil xi persuna oħra li tkun qed issieħbu u li tkun preżenti waqt l-interrogazzjoni; għandu jittieħed ħsieb li jiġu verifikati l-fatti kollha dikjarati u li meta jkun possibbli tinkiseb korroborazzjoni;*

*(ċ) fil-każ ta' persuni potenzjalment vulnerabbli, (bħal persuni taħt l-influwenza ta' mediċinali, alkoħol, mediċina, jew li jkunu fi stat ta' xokk) għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-istqarrija ssir minnhom meta jkunu kapaċi japprezzaw is-sinifikat tal-mistoqsijiet u tweġibiet tagħhom, u li l-istqarrija ma tkunx ir-riżultat ta' xi influwenza mhux dovuta mill-uffiċjal investigatur."*

Illi jirrizulta mill-atti illi l-akkuzat ghandu *history* ta' anzjeta' u *obsessive compulsive disorder* (OCD). Nhar is-6 ta' Lulju, 2021 din il-Qorti kienet appuntat l-esperti psikjatrici, li eventwalment kienu gew istitwiti b'ohrajn, u dan limitatament sabiex dawn jinfurmaw lill-Qorti jekk meta l-akkuzat irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu lill-pulizija, fil-kwadru tal-problemi medici li huwa kellu, kif ukoll it-telf ta' bintu kellhomx effett fuqu li mpedewh mill-kunsens liberu tieghu.

Nhar is-16 ta' Dicembru, 2021, Dr. Anton Grech, Dr. Nigel Camilleri u Dr. Marc Xuereb xehedu quddiem din il-Qorti wara li huma kienu espletaw l-inkarigu taghhom. Dr. Camilleri spjega illi:

> ***'Mela, ahna strihajna wkoll fuq l-atteggjament tieghu, ta' Robert Rodenas meta ghamilna zewg interviews. Jigifieri hu pprezenta darbtejn bl-istess mod. Kien konsistenti f'dak li qal u anke minn non-verbals tieghu, jigifieri ahna mhux il-kliem biss, imma kien vizibbli li hu jbati bl-anzjeta. L-anzjeta' ghadha hemmhekk. Hu meta jsir anzjuz hafna jibda jhawwad fi kliemu u meta tenna, jigifieri meta qal l-istorja tieghu u l-interrogazzjoni mal-pulizija, kien konsistenti fuq il-fatt li hu hemm partijiet minn dawk is-sieghat li ma setax jghid ezatt x'gara. U ghalhekk wasalna ghal konkluzjoni li din hija parti minn dissociative fugue. Jigifieri hu hemm partijiet cari fejn hu ma jistax jghid x'qal. Jiftakar l-ewwel bicca li kien qalilhom jew ma kien ghamel xejn, umbghad ghandu bicca ohra cara li jghid li jaccetta kollox imma m'ghandux dettalji ta x'gara, jekk kielx jew le, kemm dam fil-lock-up, u, I mean kien bic-car li ma kienx qed jivvinta ghal fini taghna.'***

Iktar tard Dr. Camilleri spjega wkoll illi kienet ovja li l-akkuzat kien ibati mill-anzjeta' u elabora billi qal li ***<u>'The de-realisation li spjega hija wahda mis-sintomi li hu jispjega fejn ikun qisu maqtugh mid-dinja jekk ihares lejn id-dinja minn barra. Jigifieri dak il-hin, il-mohh ma jkunx qed jiprocessa u jintegra l-informazzjoni u kif qed nispjega.'</u>*** Mistoqsi mill-Avukat mill-ufficju tal-Avukat Generali: ***<u>'Jigifieri jista' jghid xi haga li mhux minnha?'</u>*** **<u>hu wiegeb fl-affermattiv.</u>** Il-Qorti saqsiet ukoll lil Dr. Xuereb is-segwenti mistoqsija: ***<u>'Dr Xuereb. Id-domanda. Dak li qal, qalu volontarjament?'</u>*** hu wiegeb ***<u>'No. Qalu habba this fright or flight, impulsive. This is the whole point.'</u>*** Dr. Grech kompla sabiex spjega li l-akkuzat **<u>'Ma kellux kontroll fuq x'qed jghid, jifhem</u>**

**<u>x'inhu jghid u l-konsegwenzi tieghu.'</u>** Ix-xhieda kompliet bis-segwenti twegibiet u mistoqsijiet:

> ***'Dr. Camilleri: Min ikun taht dissociative fugue, ma jkunx qed juza' l-parti tal-mohh fejn jirraguna. Ok. U impulsively, jghid l-affarijiet automatically jew semi-automatically biex jahrab mis-sitwazzjoni.***
>
> ***Qorti: Dawn l-affarijiet jintqalu bla hsieb?***
>
> ***Dr. Xuereb: Correct. Yes, because of this disconnection between the frontal lobe and the...system.***
>
> ***Dr Grech: Ma jkollux konnoxxenza ta' x'qed jghid, xi jfisser u x'konsegwenzi jista' jkollu.***
>
> ***Qorti: Jigifieri l-halq jimxi bla mohh?***
>
> ***Dr. Grech: Ezatt.'***

Ghalkemm l-akkuzat issa ser ikun assistit minn avukat waqt ic-celebrazzjoni tal-guri, u wkoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiza tieghu, dawn il-fatturi ma jistghux jeliminaw il-periklu ta' zbilanc bejn id-drittijiet tieghu bhala l-persuna akkuzata fil-process gudizzjarju u d-dritt tas-socjeta' li tara li l-process kriminali isir kif suppost. Filwaqt li fl-ewwel stqarrija lill-pulizija pjuttost m'hemm xejn inkriminati kontra l-akkuzat, mhux l-istess jista' jintqal ghat-tieni stqarrija li hu rrilaxxa lill-pulizija. Jekk dawn l-istqarrijiet jithallew fl-atti, il-Prosekuzzjoni ser tressaq prova quddiem il-gurati fejn l-akkuzat ghamel id-dikjarazzjonijiet li ghamel. Dan ma jkunx gust in vista d-despozizzjonijiet moghtija mill-esperti psikjatrici ndikati *supra* u jkun ferm riskjuz li l-gurati jistriehu fuq tali stqarrijiet meta jigu biex jaghmlu l-gudizzju ahhari taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qeghda tilqa' l-hames eccezzjoni preliminari tal-akkuzat. Isegwi illi stante li din il-Qorti qeghda tilqa' l-hames eccezzjoni tal-akkuzat, sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt eccezzjoni tal-akkuzat Robert Rodenas.

Is-seba' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat tirrigwardja l-inammissibilta' tad-depozizzjoni tal-Ispettur Trevor Micallef u dan ghaliex fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-parti leza Shania Cachia, liema dikjarazzjoni qatt ma giet esebita jew guramentata minn din tal-ahhar, u ghaliex jaghmel referenza wkoll ghall-istqarrijiet li hu rrilaxxa l-pulizija. Din il-Qorti, kif diga' spjegat supra, minhabba li hi sejra tghaddi sabiex tilqa' l-hames eccezzjoni tal-akkuzat isegwi li tilqa' l-parti tas-seba' eccezzjoni li tirrigwardja l-ammissibilta' tad-depozizzjoni tal-Ispettur Trevor Micallef fejn din tirrigwardja l-istqarrijiet tal-akkuzat, kemm traskritti kif ukoll irrekordjati u/jew kwalunkwe referenza ghalihom. Fir-rigward ghall-parti fejn l-Ispettur Micallef jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni ta' Shania Cachia, huwa minnu illi din ma gietx inserita fl-atti processwali. Dak li mhux fl-atti, mhux fid-dinja u ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti tista' tinnota x-xhieda moghtija mill-parti leza quddiem l-Ewwel Qorti, kwalunkwe referenza mill-Ispettur Micallef fuq id-dikjarazzjoni taghha li ma gietx esebita hija inammissibbli u ghandha tigi skartata.

Fit-tmien eccezzjoni tieghu l-akkuzat jecepixxi l-ammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda ta' Charmaine Gravina, Romina Cachia u Gianelle Boffa u dan ghaliex huma *hearsey evidence*.

Fuq dan il-punt, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio Alfred Degiorgio Ommisis** fejn gie ritenut is-segwenti fir-rigward tal-*hearsey evidence*:[10]

[10] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2021.

*'iv. L-ewwel Qorti, wara li indikat l-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, applikabbli bis-sahha tal-artikolu 645 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, bhala l-artikoli li jirregolaw ix-xiehda hearsay ghaddiet in rassenja sentenzi ta' din il-Qorti u tal-Qorti Kriminali dwar din ir-regola. Certament li l-appellanti ma jistghux iqisu lilhom infushom kontrarji ghal dik ir-rassenja ghaliex l-esposizzjoni legali tal-ewwel Qorti hija wahda inecipibbli u filwaqt illi huma diversi dawk is-sentenzi li jinoltraw fit-tifsira ta' din ir-regola, dik il-parti tas-sentenza citata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi</u>** (App Krim 28 ta' Gunju 2012) timmerita li tkun hawn riprodotta ghaliex tigbor fiha il-qofol tal-regola in disamina. Hemm jinghad hekk:*

***"... ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anke rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi hearsay evidence izda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun hearsay evidence u bhala tali inammissibbli izda jkek dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhala sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anke sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra. <u>Huma ghal dawn ir-ragunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda</u> <u>ma tistax tigi eskluza a priori izda d-decizjoni dwar l-opportunita' o meno li tithalla tinghata dik</u>***

***ix-xiehda u titqieghed quddiem il-gurija trid necessarjament tigi rimessa lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jaghti d-decizjoni tieghu skond ic-cirkostanzi li fihom jizvolgi l-guri u skont l-esigenzi evidenzjarji u procedurali tal-process…*** (enfasi ta'din il-Qorti).

*v. Daqstant rilevanti hija s-sentenza* **Il-Pulizija vs Fabio Schembri** *(App Krim 1.4.2011) li minnha hu radikat dan il-hsieb, citata mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha* **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** *tal-24 ta' Ottubru 2011 li ghaddiet in gudikat b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2012 u mhux kif erronjament indikat mill-ewwel Qorti igifieri fil-5 ta' Lulju 2012, fejn kien ritenut hekk:*

***"Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic- cirkostanzi, data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li mehuda ma' provi u cirkostanza ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li taghmel il-Qorti";***

*vi. Illi r-regola dwar il-hearsay evidence jehtieg li tkun ukoll, jekk mhux qabel kollox, vista mill-ottika ta' dak li jigri fil-prattika u fl-assjem tal-process kriminali kollu. Meta xhud jirrakkonta l-verzjoni tieghu u jesprimi haga li qallu haddiehor hemm l-impressjoni zbaljata li jew il-gudikant jew il-magistrat fil-vesti kumpilatorja jaqbzu fuqu u jiddikjaraw l-inammissibilita' ta' dak li jkun qal. Dak li jigri fir-rejalta' hu, bhal fil-kaz odjern, li l-ufficjal prosekutur qua xhud, spjega kif gabar l-informazzjoni kollha minghand l-esperti u s-subalterni tieghu u ta stampa tal-investigazzjoni sabiex, bhalma invariabilment jigri fi processi ta' din in-natura, dak li jkun jista' jaqbad art u jifhem il-*

*komplessita' tal-kaz. Issa meta jixhed viva voce quddiem il-guri, xhud mhux necessarjament, anzi difficli, jirrakkonta kelma b'kelma u bl-istess sekwenza dak li jkun iddepona quddiem l-Istruttorja. Allura mhux inaspettat li jghid ukoll hwejjeg li jistghu jammontaw ghall-hearsay. U hafna drabi ukoll ma tqumx il-kwistjoni sakemm in kontro-ezami l-persuna fuq il-pedana tkun mistoqsija kif saret taf jew ma tafx dak li qalet hi stess jew jekk qalitx hekk ghaliex semghatu minghand terz jew terzi. Xjigri, f'dak il-kaz, iqum chaos shih waqt il-guri?; jkun xolt il-guri?; tintalab sottomissjoni u decizjoni dwar punt ta' ligi fl-assenza tal-gurati? – xejn minn dan.* ***Dak l-"incident" ikun rimess ghall-gudizzju tal-gurati fil-hin tad-deliberazzjoni taghhom wara li l-Imhallef, kif obbligat, jkun spjega lill-gurati r-regola tal-hearsay evidence u dik dwar il-valur probatorju sabiex jiddeciedu huma jekk dak li ntqal u li kien maghruf tramite terzi kienx segwit b'xhieda li jikkonfermaw il-kontenut ta' dak li jkun ddepona x-xhud;***

***vii. Illi ghalhekk id-decide tal-ewwel Qorti li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-Imhallef togat li ghandu jaghti dawk id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati li f'idejhom titnissel id-decizjoni ahharija. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;'***

In vista tas-suespost, it-tmien eccezzjoni tal-akkuzat Robert Rodenas qeghda tigi michuda.

Finalment, id-disa' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat hija dwar l-inammissibilta' u l-isfilz tax-xhieda ta' Melanie Spiteri u tad-dokument esebit minnha bhala DOK MS (a fol 300, 301 u 302 tal- process) u dan stante li x-xhieda taghha hija bbazata fuq dokument/rapport kontenenti opinjoni ta' terzi persuni li ma kienux appuntati mill-Qorti sabiex ihejju rapport.

Din il-Qorti tista' tinnota illi s-Sinjorina Spiteri hija haddiema socjali u tul id-depozizzjoni taghha kienet qeghda tixhed fuq fatti u l-involviment taghha fil-kaz odjern. Madankollu Dok. MS1, li fih jikkontjeni wkoll Dok A, jinkludu opinjoni mhux biss ta' Melanie Spiteri izda wkoll ta' haddiema socjali ohrajn bl-isem Isabella Farrugia u Angie Pace u l-ebda minnhom ma giet appuntata bhala espert mill-Qorti.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice</u>**[11] intqal hekk fir-rigward tal-esperti:

> *'iii. Illi l-istess jista' jinghad ghal dik il-parti tax-xhieda fejn Holmes jirrakonta n-natura tal-griehi li sofra u l-kura li huwa irceva kemm meta kien ghadu Malta kif ukoll meta irritorna l-Ingilterra. Illi ma ghandux ghalfejn jinghad illi l-prova dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Sean Holmes* ***ghandha tinghata <u>unikament</u> mill-esperti nominati mill-Qorti u mill-Magistrat fl-in genere u il-membri tal-gurija ghandhom jigu iggwidati f'din id-direzzjoni.*** *Illi il-Qorti ma tararx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-oggezzjoni maghmula mill-akkuzat dwar ix-xhieda ta' tobba ex parte, billi l-parti leza ma ipproduciet l-ebda prova f'dan ir-rigward, izda l unika prova li hemm fl-atti dwar il-griehi sofferti minnu hija dik tat-tobba li taw l-ewwel assistenza u sussegwentment ikkurawh gewwa l-isptar u ir-rapporti tal-esperti mediko-forensici li ressqu il-fehma taghhom skont il-ligi fir-rigward.* ***Issa jekk fil-fatt il-parti leza taghti stampa ohra jew esagerata tal-griehi sofferti minnha, kif qed jallega l-akkuzat li ghamel Holmes, dan certament ma jista' qatt jikkostitwixxi xi prova oggettiva dwar n-natura ta'l-istess griehi billi <u>huwa dmir ta' l-imhallef togat illi jaghti id-direzzjoni lill-gurati illi fuq dak li jenhtieg sengha jew hila</u>***

[11] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-22 ta' Settembru, 2016.

***<u>specjali, huma biss l-esperti innominati mill-Qorti li jistghu jaghtu l-fehma taghhom u hadd iktar, lanqas il-vittma innifsu. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.'</u>***

Oltre minn hekk issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Renard Cassar</u>**,[12] fejn gie deciz:

> ***'Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).***
>
> ***..... ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova.'***

Is-sentenza ricentissima fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claude Grasso</u>**[13] ghamlet referenza ghas-sentenza sucitata u dan meta skartat rapport ta' espert mahtur mill-Qorti stante li dan kien iddelega lil haddiehor sabiex jikkompila rapport li hu kien ordnat jaghmel. Ghaldaqstant il-persuna li giet iddelegata x-xoghol minghajr anqas awtorizzazjoni tal-Qorti, ghandu jigi meqjus bhala espert *ex-parte*. Il-Qorti f'din ic-cirkustanza rriteniet is-segwenti:

---

[12] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-24 ta' Settembru, 2009.
[13] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Jannar, 2022.

> *'<u>Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tieħu konjizzjoni ta' rapport li tħejja in parte jekk mhux in toto minn persuna mhux maħtura minnha bħala espert in materja</u>, persuna li di piu lanqas qatt inġiebet fil-qorti biex tixhed dwar ix-xogħol minnha eżegwiet. L-espert Dr. Nigel Camilleri qatt ma ingħata is-setgħa li jiddelega ix-xogħol tiegħu lil terza persuna u jekk kien jenħtieġlu jagħmel dan, kellu jikseb l-awtorizazzjoni tal-Inkwirenti jew tal-Qorti preventivament. Meta jitla' jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, imbagħad, lanqas jispjega il-mod kif huwa eżegwixxa l-inkarigu lilu mogħti'.*

Ghaldaqstant, ghalkemm din il-Qorti taqbel perfettament illi esperti *ex-parte* ma jistghux jaghtu opinjoni, din il-qorti temmen illi f'dan l-istadju ghandha tichad id-disa' eccezzjoni mressqa mill-akkuzat *pur che'* minkejja dak sucitat, ghandu jkun l-imhallef togat li jinforma l-gurati li l-esperti mahtura mill-Qorti biss jistghu jaghtu l-opinjoni taghhom fil-proceduri odjerni u sussegwentament thalli f'idejhom sabiex jghaddu ghall-gudizzju taghhom. Din il-Qorti tikkonkludi billi terga' taghmel referenza ghas-sentenza sucitata fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca et fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *'<u>Minn dan il-bran tad-decizjoni, jidher li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi jinkombi fuq l-Imhallef togat biex fl-istadju opportun jispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza ta' l-istess u dan skont ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li nghad mill-appellant, bl-ebda mod ma abdikat mid-doveri taghha, ghaliex l-ilment ta' l-appellant ghandu jirrizulta unikament mill-provi li ser jinstemghu fil-kors tal-guri</u> u dan meta jitressqu l-provi dwar kif sehhet l-investigazzjoni mill-pulizija, meta u minn min gew elevati r-reperti u f'idejn min kienu mghoddija sakemm waslu ghand il-Qorti. Il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira meta tigi biex tqis jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu*

*tal-ligi li tirregola l-ammissibbilita` taghha, ghaliex prova ghandha titqies illi hija inammissibbli biss jekk "la questione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso…. "*[14]

Ghal motivi hawn fuq migjuba din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-akkuzat bin-numri 1, 2, 3, 4, 8 u 9. Tilqa' l-eccezzjoni numru 5 tal-akkuzat fejn qeghda tiddikjara l-istqarrijiet verbali, traskritti kif ukoll ir-recordings taghhom u kull referenza ghalihom bhala inammissibbli u tordna l-isfilz taghhom. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni minn l-eccezzjoni numru 6 u tilqa' in parte l-eccezzjoni numru 7 fejn ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u sussegwentament sfilzati l-partijiet tax-xhieda tal-Ispettur Trevor Micallef fejn jaghmel referenza ghall-istqarrijiet tal-akkuzat u ghad-dikjarazzjoni tal-parti leza li ma gietx esebita fl-atti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

[14] Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL.